# Il-Kult tal-Madonna tad-Duttrina fiż-Żejtun

*J. C. Camilleri*

Fost il-wirt reliġjuż li nsibu fil-belt Beland – iż-Żejtun, insibu l-kult tal-Madonna tad-Duttrina. Illum dan il-wirt hu biss parti mill-istorja ta' din il-parroċċa. L-uniċi tifkirjiet huma ż-żewġ vari tal-Madonna tad-Duttrina, waħda tinsab fis-sagristija tal-Madonna tar-Rużarju u l-oħra fil-knisja ta' San Girgor. Għaż-Żwieten dan il-kult kien xejn ħlief il-festa sekondarja tagħhom.

## Vari

Ftit wara li sar il-kappillan Dun Antonio Psaila minn Ħal Balzan, kien hemm tibdila fil-vara tal-Madonna



*L-ewwel vara tal-Madonna tad-Duttrina maħduma fil-kartapesta minn Karlu Darmanin*

tad-Duttrina. Ir-raġuni kienet din il-vara ma tantx kienet għall-qalb il-poplu Żejtuni. Hu talab l-isqof għall-permessi. Din kellha ssir f'Pariġi u qamet 95 Franki. Fl-12 ta' Diċembru 1882 waslu l-permessi. Din il-vara l-ġdida llum tinsab fis-sagristija tal-Madonna tar-Rużarju. Hija xogħol fit-terrakotta u nħadmet fl-1885. Fuq din il-vara nsibu miktub il-kliem ' Per commissione del procoratore Don Francesco Mifsud – li 5 Giugno 1885 – Giuseppe Spiteri'. (Fuq kummissjoni tal-prokuratur Dun Francesco Mifsud – il-5 ta' Gunju 1889 – Giuseppe Spiteri). Ta' min jgħid li Dun Francesco Saverio Mifsud dawk iż-żminijiet kellu madwar 40 sena. Hu qatta' ħafna snin bħala Viċi Kappillan taż-Żejtun u kien magħruf fost iż-Żwieten bħala tas-Sufarelli. Barra minn hekk, il-kappillan Dun Antonio Psaila kien magħruf għall-importanza li kien jagħti lit-tagħlim tad-duttrina fost it-tfal. Tant kemm ħadem biex ixerred il-kelma t'Alla fost it-tfal li fetaħ ċentru tat-tagħlim fil-kappella tal-Ispirtu s-Santu.

## Żmien il-festa

Din il-festa kienet tiġi fil-bidu tas-sajf sewwa sew Ħadd fuq il-festa ta' Korpus jew tal-Qalb ta' Ġesù. Dan kien issir li għax għal din il-festa ma kinitx issir la novena u lanqas tridu. Il-knisja parrokkjali kienet tkun armata sewwa għal dawn il-festi kristoloġiċi. Kien ikun hemm id-damask fuq il-pilastri prinċipali. Matul in-nava ewlenija kien ikun hemm il-linef u l-altari kien ikun fihom il-ventaltari tal-lama. Fuq l-artal il-maġġur kien ikun il-gandlieri tas-sekonda klassi. Dawn kienu tal-injam u miksija bil-fidda.

Il-festa kienet fl-aqwa tagħha qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Kienet tiġi organizzata mill-prokuratur tal-artal u l-fratelli tal-Madonna tar-Rużarju. Fost il-partitarji ta' din il-festa kien hemm il-ħaddiema tal-faħam. Dawn kienu f'pika mal-partitarji ta' Santa Katarina. Din kienet popolari man-nies tal-post għaliex kienet tiġi fi żmien meta l-arju kien sabiħ. Wieħed irid jiftakar li l-festa tal-patruna kienet tiġi jew fil-25 ta' Novembru, il-jum liturgiku

tagħha jew Ħadd qrib din id-data. Billi kienet tiġi f'Novembru dejjem kien hemm il-biża' li tagħmel ix-xita u b'hekk tħassar il-festa. Il-festa tal-Madonna tad-Duttrina kienet festa li dejjem kienet issir.

## Il-festa

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kienu jieħdu sehem iż-żewġ baned tal-lokalitá. Dawn kienu l-Banda Beland u l-Banda Żejtun. Fil-knisja parrokkjali kienet iddoqq l-orkestra ta' Santa Katarina taż-Żejtun.

Min-naħa l-oħra fil-purċissjoni kien jieħdu sehem il-fratellanzi bl-iStandardi tagħhom. Warajhom kien jimxu l-fratelli. Din il-purċissjoni kienet tinkludi tfal biż-żimara. Din kienet suttana ħamra, fin-nofs u isfel bil-lewn ċelesti. Il-buttuni kienu ħomor. L-ispellizza kienet bajda. Din kien ikollha l-bizzila. Dawn is-subien kien ikollhom ċoff tal-lewn aħmar. Dawn it-tfal kien ikollhom xemgħa u bukkett żgħir tal-fjuri. Ma' dawn it-tfal kien ikun hemm ukoll it-tfal tal-ewwel tqarbina ta' dik is-sena. Dawn kienu jkunu libsin il-libsa tal-preċett. Dawn it-tfal tal-aħħar aktarx kienu jilbsu l-libsa tal-preċett għaliex ma kinux sabu ż-żimarra tal-Madonna tad-Duttrina. Wara kienet timxi l-vara u l-kleru. Wieħed minn dawn il-qassisin kien jerfa' r-relikwija tal-Madonna.

Il-purċissjoni kienet tgħaddi minn Ħabel ix-Xgħir għal ħdejn il-kappella tas-Salvatur. Wara tgħaddi minn Triq il-Kbira, Triq San Luċjan, Triq Sant'Anglu, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill u fl-aħħar il-Pjazza l-Kbira. Matul il-purċissjoni kienu jkantaw innijiet Marjani.

## Festa fil-knisja

Għalkemm din il-festa ma kinitx tinkludi la novena u lanqas tridu, kien ikun hemm l-għasar. Dan kien issir lejliet il-festa. Il-quddiesa tal-festa, li kienet issir f'jum il-festa u kienet tinkludi l-mużika. Kien issir għasar ieħor f'jum il-festa.

## It-tmien il-festa

L-ewwel daqqa għall-festa saret qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1938 il-prokuraturi l-ġodda tal-festa, Dun Mikiel Spiteri u Dun Gwann Palmier ftehmu mal-Awtoritá Ċivili dwar arragmenti dwar il-baned. Kull banda kellha ddoqq darba kull waħda. Il-banda li ddoqq f'lejliet il-festa ma setgħetx iddoqq nhar il-festa. Fis-sena ta' wara kien issir it-tibdil – min kien daqq nharha kien idoqq lejlietha. Dan l-arrangement ma tantx nizel tajjeb maż-Żwieten l-aktar mal-partitarji tal-Madonna tad-Duttrina.

It-tieni daqqa għall-festa kienet li l-partitarji tagħha kienu naqsu. Ix-xogħol tal-faħam fil-Port il-Kbir kien naqas u n-numru ta' ħaddiema kellu jonqos ukoll. Il-kult tal-Madonna tad-Duttrina li kellhom dawn il-ħaddiema beda jmajna u bil-mod il-mod spiċċa fix-xejn.



*It-tieni vara tal-Madonna tad-Duttrina magħmula mit-terrakotta*

Fis-snin sittin kien sar kumitat biex iqajjem din il-festa. Dan kien magħmul minn Consiglio Ellul (magħruf bħala Brejġen), Joseph Caruana (il-Ħena), John Mary Debono (is-Sagristan u Carmelo Spiteri (in-niċċ). Dawn għamlu minn kollox biex din il-festa tieħu r-ruħ. Bdew jarmaw it-toroq u z-zuntier. Ordnaw żewġ statwi tal-kartapesta, waħda turi lil Sant'Anna, omm il-Madonna u l-oħra San Gwakkin, missier il-Madonna. Dawn l-istatwi żejnu z-zuntier għal żewġ festi jew tlieta. Wara l-festa sabet it-tmien tagħha u l-istatwi sabu ruħhom mixtrija Ħaż-Żabbar.

Dan hu l-wirt u l-istorja tal-kult tal-Madonna tad-Duttrina. Wirt li kabbar il-qalb Żejtunija, l-aktar il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Min jaf forsi 'l quddiem dan il-wirt jerġa jieħu l-ħajja billi joħorġu l-vara tal-Madonna tad-Duttrina għall-festa tal-Ewwel Tqarbina. Hekk issir f'Ħal Lija fejn bħala parti mill-festa tal-Preċett tinħareġ il-vara ta' San Alwiġi. Mhux ta' min dan il-kult jitħalla rieqed!

**Referenza**

Dan it-tagħrif ġie mogħti lili mingħand is-Sur Carmelo Baldacchino.